



Il-Qorti tal-Ġustizzja tinvalida parzjalment id-Direttiva 2012/19 dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku inkwantu din id-direttiva tobbliga lill-produtturi ta' pannelli fotovoltaiċi jiffinanzjaw l-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn dawn il-pannelli meta dawn ikunu tqiegħdu fis-suq f'data preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija direttiva

Barra minn hekk, din id-direttiva tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi l-finanzjament ta' dawn l-ispejjeż fuq l-utenti tal-pannelli fotovoltaiċi mqiegħda fis-suq wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha

Vysočina Wind hija kumpannija Ċeka li topera impjant tal-enerġija solari mgħammar b'pannelli fotovoltaiċi mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005.

Konformement mal-obbligu previst mil-Liġi Ċeka Nru 185/2001 dwar l-iskart (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar l-iskart")¹, hija pparteċipat fil-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn pannelli fotovoltaiċi u ħallset, f'dan ir-rigward, kontribuzzjonijiet matul is-snin 2015 u 2016.

Madankollu, peress li Vysočina Wind qieset li dan l-obbligu ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet kien jirriżulta minn traspożizzjoni mhux korretta tad-Direttiva 2012/19 dwar l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)² u li l-ħlas ta' dawn il-kontribuzzjonijiet kien jikkostitwixxi dannu, hija ppreżentat, quddiem il-qorti Ċeki, rikors għad-danni kontra r-Repubblika Ċeka. F'dan il-kuntest, Vysočina Wind sostniet li d-dispożizzjoni tal-Liġi dwar l-iskart li tipprevedi l-obbligu ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet għall-utenti ta' pannelli fotovoltaiċi tmur kontra l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-WEEE, li jimponi fuq il-produtturi tat-tgħamir elettriku u elettroniku, u mhux fuq l-utenti tiegħu, il-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn tgħamir imqiegħed fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005.

Peress li r-rikors ippreżentat minn Vysočina Wind ġie milqugħ kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, ir-Repubblika Ċeka ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem in-Nejvyšší soud (il-Qorti Suprema, ir-Repubblika Ċeka).

Adita b'talba għal deċiżjoni preliminari minn din il-qorti tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja, komposta bħala Awla Manja, tiddeċiedi, minn naħa, dwar l-interpretazzjoni u dwar il-validità tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-WEEE u tippreċiża, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' Stat Membru għal ksur tad-dritt tal-Unjoni fil-kuntest tat-traspożizzjoni ta' direttiva.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Abbażi ta' interpretazzjoni litterali tad-Direttiva dwar il-WEEE, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma, fl-ewwel lok, li **l-pannelli fotovoltaiċi jikkostitwixxu tagħmir elettriku u elettroniku** fis-sens tagħha, b'mod li, skont l-Artikolu 13(1) ta' din id-direttiva, il-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn dawn il-pannelli mqiegħda fis-suq mit-13 ta' Awwissu 2012, data

¹ Artikolu 37p taż-žákon ċ. 185/2001 Sb., o odpadech a o změně některých dalších zákonů (il-Liġi Nru 185/2001 dwar l-iskart u Li Temenda Ċerti Liġijiet Oħra).

² Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU 2012, L 197, p. 38, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-WEEE").

tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, għandu jiġġarrab mill-produtturi tal-imsemmija pannelli u mhux, hekk kif tipprevedi l-leġiżlazzjoni Ċeka, mill-utenti tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina l-validità tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-WEEE, sa fejn din id-dispożizzjoni tapplika għall-pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005, jiġifieri f'data preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li minkejja li l-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni legali ġdida għal sitwazzjoni stabbilita qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta wkoll li dispożizzjoni legali ġdida tapplika immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li tkun qamet taħt il-liġi preċedenti kif ukoll għas-sitwazzjonijiet ġuridiċi l-ġodda.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tivverifika jekk l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni legali stabbilita fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-WEEE, li tipprovdi li l-produtturi, u mhux l-utenti, ikunu meħtieġa jiżguraw il-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq wara t-13 ta' Awwissu 2005, meta dawn il-pannelli jkunu saru jew ikunu ser isiru skart mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, hijiex ta' natura li tippreġudika sitwazzjoni stabbilita qabel id-dħul fis-seħħ tagħha jew jekk din l-applikazzjoni hijiex intiża, għall-kuntrarju, li tirregola l-effetti futuri ta' sitwazzjoni li tkun qamet qabel dan id-dħul fis-seħħ.

Issa, peress li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li kienet teżisti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-WEEE kienet tħalli lill-Istati Membri l-għażla li jeżiġu li l-ispejjeż tal-immaniġġar tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi jiġġarrbu jew mid-detentur attwali jew preċedenti tal-iskart, jew mill-produttur jew mid-distributtur tal-pannelli, **id-Direttiva dwar il-WEEE kellha effett fuq sitwazzjonijiet stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ tagħha** fl-Istati Membri li kienu ddeċidew li jimponu dawn l-ispejjeż fuq l-utenti tal-pannelli fotovoltajċi u mhux fuq il-produtturi tagħhom, hekk kif kien il-każ tar-Repubblika Ċeka.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li dispożizzjoni legali ġdida li tapplika għal sitwazzjonijiet stabbiliti preċedentement ma tistax titqies li hija konformi mal-prinċipju ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti ġuridiċi meta din tbiddel, *a posteriori* u b'mod imprevedibbli, l-allokazzjoni ta' spejjeż li l-okkorrenza tagħhom ma tistax tiġi evitata iktar. Issa, f'dan il-każ, **il-produtturi tal-pannelli fotovoltajċi ma kinux f'pożizzjoni li jipprevedu, fil-mument tad-disinn tal-pannelli, li sussegwentement kienu ser ikunu meħtieġa jiżguraw il-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn dawn il-pannelli.**

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja **tiddikjara l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva dwar il-WEEE invalidu sa fejn din id-dispożizzjoni timponi fuq il-produtturi l-finanzjament tal-ispejjeż relatati mal-immaniġġar tal-iskart minn pannelli fotovoltajċi mqiegħda fis-suq bejn it-13 ta' Awwissu 2005 u t-13 ta' Awwissu 2012.**

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-inklużjoni fil-Liġi dwar l-iskart ta' dispożizzjoni li tipprevedi obbligu ta' ħlas ta' kontribuzzjonijiet fir-rigward tal-utenti ta' pannelli fotovoltajċi li jmur kontra d-Direttiva dwar il-WEEE, iktar minn xahar qabel l-adozzjoni ta' din tal-aħħar, ma tikkostitwixxix, fiha nnifisha, ksur tad-dritt tal-Unjoni mir-Repubblika Ċeka, peress li l-kisba tar-riżultat previst mid-direttiva ma tistax titqies li tkun serjament kompromessa qabel ma din tkun tiffirma parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.